MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 61/2012

**Appell Nru. 61/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Agius)**
**Vs**
**Nicholas Bonello**

**Illum 17 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 422562(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-15 t'April, 2009 ghall-habta ta' 20.00 hrs fi Triq Hal Tartarni, Dingli,
volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor billi ghamel hsara ta' l-fuq minn €116.47 u mhux aktar minn € 1,164.69, fuq zewgt twieqi tal-aluminium u bieb tal-injam, ghad-dannu ta' Vincenza

Deschrijijoer u Jan Leon Gabriel Deschrigver, bi ksur tal-art. 325 (b) tal-Kp. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamel hsara involuntarja fuq amara, computer u oggetti ohra li jinsabu fl-istess residenza bi ksur tal-art. 328 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Fl-istess jum, lok u cirkostanzi kiser il-paci u l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bi ksur tal-art. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Talli hu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Mag. Dr. D. Clarke LL.D, liema sentenza kienet definittiva fit-28 ta' Jannar, 2009.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 325(1)(b), 328(d) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-appellant hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu tmien (8) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' tnax (12) il-xahar. Il-Qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tar-raba` imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni.
B'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti rabtet lill-appellant b'obbligazzjoni personali taht penali ta' tmien mitt Ewro (€800) ghal zmien tnax (12) il-xahar milli jimmolesta jew jivvessa lill-konjugi Jan u Vincenza Deschrijver.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li :
1. tikkonferma l-liberazzjoni tieghu mir-raba` akkuza;
2. tirriforma s-sentenza billi tillibera lill-appellant mill-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza stante nuqqas ta' provi fil-grad rikjesti mill-ligi u konsegwentement, tilliberah ukoll mill-obbligazzjoni personali taht penali ta' tmien mitt Ewro (€800) fi zmien tnax (12) il-xahar mid-data tas-sentenza milli jimmolesta jew jivvessa lill-konjugi Jan u Vincenza Deschrijoer u

3. fi kwalunkwe kaz tirrivedi u tirriduci l-piena moghtija ghal wahda aktar xierqa li tirrifletti aktar ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-appellant ihossu aggravat fir-rigward tas-sejbien tal-htija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ l-ewwel (1) akkuza ghaliex huwa jhoss li nstab hati fuq provi li ma lahqux il-grad rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali u sahansitra fuq provi li huma inammissibli. Huwa ben maghruf fil-kazistika nostrana illi l-Qorti ta’ l-Appell ma tiddisturbax il-provi ta’ l-Ewwel Qorti galadarba dawn il-provi jkunu sufficjenti sabiex l-Ewwel Qorti tasal ghal konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Issir referenza fir-rigward ta’ dan fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Etienne Sammut” fejn jigi mtenni illi :

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni*

Illi bir-rispett kollu, l-appellant ihoss li l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u illi ghalhekk kellu jirrikorri

ghal din l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Kif jirrizulta mill-process u kif ser jigi spjegat f'aktar dettal fit-trattazzjoni, x-xhieda tal-konjugi Deschrijoer kienet wahda li kien fiha elementi qawwija ta' nuqqas ta' kreddibilita`. Dan in-nuqqas jirrizulta mill-allegazzjoni inizjali min-naha tal-konjugi Deschrijoer illi l-appellant spara xi tiri ta' arma tan-nar, liema allegazzjoni giet mill-ewwel kompletament skartata fl-investigazzjoni tal-Pulizija. In-nuqqas ta' kreddibilit` tohrog ukoll mix-xhieda ta' Vincenza Deschrijoer meta hija f'nifs wiehed tistqarr li ma kienitx taf xi hsarat kien hemm u lanqas kienet taf xejn rigward l-istima taghhom, ghaliex skond hi, kollox kien f'diejn ir-ragel taghha, izda fl-istess nifs hija tghid li l-istimi kien ghamilhom is-surveyor, meta l-verita` kienet wahda ohra. Jigi umilment sottomess illi n-nuqqas ta' kredibilita` harget ukoll mill-kontro ezami ta' Jan Deschrijoer meta fir-rgiward tal-istima huwa jghid li *« ....it was given to the surveyor and he included it in the report .... »* Madanakollu dina d-dikjarazzjoni giet skredditat kompletament mis-surveyor meta huwa stqarr minghajr tlaqliq fil-kontro ezami tieghu li « dik l-istima qatt ma rajtha qabel illum » u ddikjara li qatt ma gie indikat valuri ghaliex huwa ma kienx inghata dokumentazzjoni mill-parte civile. Dan gie nnotat ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fejn is-sentenza taghha hija tenniet : *« izda rrizulta wkoll li l-elenku tad-danni inserit a fol. 28 tal-process fil-fatt ma giex imhejji mill-istess Jason Vassallo u li huwa ma nghatax l-ircevuti inseriti a fol. 29 sa 32 tal-processwali ».* Mela li huwa zgur hu li l-valur ta' l-allegat hsarat ma hemmx u ma ngabet ebda prova fuqha biex jissostanzjonaw dak li allegaw.

In-nuqqas ta' elementi konklussivi fir-rigward tal-valur jigu accentwati ghaliex il-parti civili ppruvat tipprezenta stimi ezagerati ghall-hsarat li effettivament kienu inezistenti. Fil-fatt, l-istima pprezentata mill-parti civili tinkludi hsarat li ma kienux elenkati mis-surveyor li qabdu huma stess. Fosthom il-lap top fejn jidher b'mod car li f'pagna 3 tar-rapport il-lap top lanqas biss jissemma fl-elenki tal-hsarat imma l-parti civile jistqarr li *« ... also inside the keyboard full of glass ».* (jigifieri kien miftuh) madankollu jirrizulta li dan l-istess lap-top jidher kien maghluq kif jidher fir-ritratti tas-surveyor's report, u dan precizament meta l-istess parte civile qal li ma tmess xejn sa meta gie s-surveyor.

Ghalhekk huwa inverosimili li kien hemm xi hgieg fuq il-keyboard, galadarba li kien maghluq. Minkejja dan, huwa konvenjentement u kapricozament gab stima ta' Euro 412, li huwa l-valur ta' laptop gdid meta fil-kontro ezami tieghu huwa jistqarr li « the laptop still works ». Tali ezagerazzjonijiet jestendu wkoll ghall-ghamara fejn jidher illi l-quotation tirrigwarda l-ghamara kollha, meta l-allegat hsarat kienu minimi u zgur ma tinvolviex l-ghamara kollha. Tali ezagerazzjonijiet giet ukoll osservata mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha qablet ghaliex mad-difiza tal-appellant li l-valur tad-danni indikat mill-konjugi Deschrijoer bhala l-valur tad-danni minnhom sofferti huwa eccessiv u li d-danni ma jirriflettix il-valur tad-danni realment kagunati mill-imputat. Mela fuq dan biss hija haga mill-ewl id-dinja li l-aprti civili riedu japprofittaw ruhhom mill-incident li nqala` bejnhom u bejn l-appellant ghaliex mhux biss ipprovokaw l-incident imma sopra corne bastonate qeghdin jipprovaw jithallsu ta' danni li ma jezistux billi vvintaw figuri ta' hsarat. Ghalhekk bid-dovut rispett l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fid-decizjoni taghha ma haditx kunsiderazzjoni ta' dan in-nuqqas ta' kredibilita`, liema nuqqas iqajjem dubju serji rigward il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni dwar il-hsarat. Tali dubju ghandu jimmilita favur l-appellant u mhux vice versa !

Illi minghajr pregudizzju ghal dak li hawn fuq suespost, meta l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha tapplika l-artikolu 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija kellha tiehu in konsiderazzjoni l-element ta' provokazzjoni li hija stess rrikonoxxiet li kien prezenti fil-kaz in kwistjoni. L-istess artikolu jistabilixxi illi l-piena ghandha tkun titnaqqas b'zewg terzi tal-piena li kellha tinghata. Dan jigi ben spjegat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fejn tigi kkwotata sentenza ohra fl-ismijiet « Il-Pulizija vs Anthony Agius » moghtija mill-istess Qorti diversjament presedutat fil-5 ta' Marzu 1997 :
L- ewwel proviso tal-imsemmi Artikolu 325 jipprovdi li "meta d- delitt ikun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta" il-piena ta' prigunerija tkun ghal zmien mhux izjed minn zewg terzi tal- piena msemmija. It-tieni proviso jghid: "Meta tigi biex titqies l-iskuza, ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235", li jfisser li l-provokazzjoni ma

tiswiex jekk ma tkunx saret fil- waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta. Fil-fehma tal-Qorti, il-provokazzjoni (ingusta) li ghaliha jirreferi l-Artikolu 325 mhix limitata jew arginata b'xi kriterji li jissemmew fl-Artikoli 227, 229 jew 230 tal-Kodici Kriminali: l-uniku kriterju li l- legislatur ghazel li jitrasporta mit-Titolu tad-Delitti kontra l-Persuna hu dak ga imsemmi, cioe' ta' l-Artikolu 235. Il-gurista Francesco Antolisei, in konnessjoni mal-attenwanti generali tal- provokazzjoni prevista fit-tieni inciz tal-Artikolu 62 tal-Kodici Penali taljan jghid hekk:
"La situazione psicologica di cui trattasi....deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tali fatto costituisca reato e neppure che sia giuridica-mente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l'attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto, ecc.). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto" (Antolisei, F., ***Manuale di Diritto Penale - Parte Generale***, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 394- 395).
…..Il-provokazzjoni ingusta kkontemplata fl-artikolu 325 trid tkun oggettivament riskontrabbli”.

Illi l-appellant agixxa bil-mod kif agixxa ghaliex kien imxebba bil-komportament xejn rispettuz tal-parti civili u met huwa ried biss jigbor il-flus li kien haqqu jiehu ghax-xoghol li huwa kien ghamel, gie rinfaccjat b’attitudni ta’ disprezz u nkejja fil-konfront tal-appellant.

Illi jidher mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li hija kkonstatat li gew kagunati hsarat wara li ghamlet referenza ghal dak li xehdu z-zewg Pulizija li accedew fuq il-post. B’kull rispett, l-Onorabbli tal-Magistrati ma setghetx minghajr ombra ta’ dubju tistabilixxi li d-danni kienu jeccedu il-mija u sittax il-Ewro (€116) il-ghaliex ma kien hemm ebda prova li tistabilixxi xi ammont f’dan ir-rigward. Ix-xhieda tal-Pulizija li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati strahet fuqha, fl-umli opinjoni tal-appellant ma

tilhaqx il-grad rikjest mil-ligi sabiex setgha jigi konstatat id-dannu proprju. Kull ma jirrizulta mix-xhieda tal-Pulizija huwa s-segwenti fejn fix-xhieda tieghu PS 163 Robert Azzopardi li acceda fuq il-post, "*Fil-fatt x'hin wasalt fuq il-post kien hemm il-blind imkissra, ta' quddiem il-bieb, u kien hemm mill-hgieg ukoll fuq gewwa taz-zewgt ikmamar imsemmija. …..Jiena bhala hsarat li rajt, iz-zewgt itwieqi mkissrin u hsara fil-blind ta' quddiem il-bieb u xi xquq zghar fil-bieb ta' l-injam ta' barra u l-hgieg li kien fuq gewwa jigifieri kien qieghed imkisser fuq in-naha ta' gewwa.* Meta PS 163 gie mistoqsi jekk kienx ra xi hsarat ohra fir-residenza huwa jwiegeb (a fol. 38) illi :
*"Le, bhala hsarat ma rajtx. Is-sinjura kienet qaltli li kellha xi hgieg fuq il-laptop li kien fuq, hdejn it-tieqa ezatti u kien hemm xi hgieg gos-sink u fuq id-desk fejn kien il-laptop, pero` "as such, bhala ksarat vizibbli ma rajtx jiena".* Filwaqt li fix-xhieda tieghu PC 540 Ishmael Mercieca (li acceda wkoll fuq il-post in kwistjoni) l-unika riferenza li jaghmel ghad-danni li jaghmel huwa, " *u nnutajna wkoll li sibna xi hgieg imkisser".* Fil-kontro ezami PC 540 jghid li l-qies tat-twieqi li sabu mkissra kienu d-daqs ta' tieqa normali u li kienu zghar u illi ma ra l-ebda hsarat tal-injam mal-bieb ta' barra hlief ghall-grif irqiq tal-hgieg fuq il-bieb, filwaqt meta gie mistoqsi ghall-hsarat li kien hemm gewwa dawn kienu jinkludu brix bil-hgieg li tar bl-impatt tad-daqqa.

Illi in oltre, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrat fis-sentenza taghha ma kinitx konsistenti sal-ahhar ghaliex filwaqt li korrettement qalet : *"Il-Qorti ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi ma tistax timponi piena li tikkomprendi ordni ta' hlas stante li kif ghadu kemm intqal il-valur tad-danni preciz kagunat mill-imputat Nicholas Bonello dakinhar tal-15 t'April, 2009 ma giex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien dak indikat mill-parti civili"* imma mbaghad ma jistax ma jistaqsix kif il-Qorti tal-Magistrati waslet ghal konkluzjoni li l-ammont tal-hsarat kien jeccedi l-mija w sittax il-Ewro (€116) meta kif tenniet hi stess fl-ebda hin ma gie konstatat ammont preciz u ghalhekk ma ngabitx il-prova rikjesta mil-ligi. F'dan ir-rigward ghalhekk jitqajjem id-dubju, liema dubju kellu jimmilita favur l-appellant u mhux proprju jigi utilizzat biex jinstab hati.

Illi in oltre, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati hadet in konsiderazzjoni survey report li gie mhejji minn xhud ex parte, fejn hija stqarret, *“Inoltre minn ezami tas-survey report imhejji minn Jason Vassallo jirrizulta li l-hsara fuq gewwa kienet minima”.* Dan ikompli jafferma kemm il-hsara ma setghetx tigi kkonstata minghajr ombra ta' dubju. Ghalkemm hemm stqarrija li tghid li r-rapport ma jistax jikkonferma d-dettalji tal-incident, li sehh hemm affermazzjoni a favur tal-konjugi Deschrijoer, fejn jinghad illi *“Although we are unable to confirm the details of their statements regarding the previous evening, we have no reason to doubt the veracity of their descriptions”.* (a fol. 19 tal-process). Qed jigi umilment sottomess illi dan ir-rapport certament imur kontra kull principju elementari tad-dritt penali taghna kif gie spjegat fis-sentenza moghtija mill-Prim'Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs George Borg u Johnson Paul” :

*Hu princpju elementari tad-dritt penali taghna – u punt ta' ordni pubbliku – li bhala regola xhud ghandu jixhed biss fuq il-fatti minnu konstatati b'wiehed mis-sensi tieghu, minghajr ma jaghti opinjoni, cioe` minghajr ma jigbed inferenza jew inferenzi minn dawk il-fatti. Fis-sistema penali taghna dak li jikkaratterizza u jiddistingwi xhud espert – cioe` li jkun gie nominat mill-qorti, u li jista' jigi nominat* <u>*biss*</u> *mill-qorti – minn xhud li ma jkunx gie nominat espert hu li dak ta' l-ewwel jista' jesprimi l-opinjoni ossia konkluzzjoni jew fehma tieghu (Art. 656, Kap. 9) a rigward ta' l-ezami (tal-fatti) li jkun ikkonduca, mentri x-xhud li ma jkunx gie hekk nominat irid bhala regola (u ghalhekk salv certi eccezzjonijiet li johorgu mill-gurisprudenza, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-identifikazzjoni ta' oggett jew ta' persuna, jew il-velocita` li jkun ra vettura ghddejja biha) jillimita ruhhu ghal dawk l-affarijiet li jkunu gew a konjizzjoni tieghu permezz ta' wiehed mill-hames sensi (ara* ***Ir-Repubbblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri*** *Qorti Kriminali 31/8/98, deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' April, 2001; ara wkoll passim* ***Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri****, App. Krim. 16/12/98). U Qorti ta' Gustizzja Kriminali hi obbligata li ma thalli u ma tippermetti lil hadd li*

*jirraggira jew jipprova jirraggira r-regola li l-opinjonijiet u l-inferenzi jistghu jigu espressi u migbuda biss minn esperti nominati mill-istess qrati u mhux ukoll minn xhieda prodotti mill-partijiet (ara* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** *App. Krim. 19/4/2001).*
*Huwa veru li quddiem l-ewwel qorti, l-ufficjal tal-pulizija li kien qed jikkonduci l-prosekuzzjoni b'ebda mod ma rregistra xi opposizzjoni ghal tali domandi u ghar-risposti ghalihom; izda, kif diga inghad, hawn qeghdin fil-kamp ta' l-ordni pubbliku, u kellha tkun l-ewwel qorti li, minghajr sollecitazzjoni minn hadd, ma tippermettix lix-xhud li jesprimi opinjonijiet.*

F'din is-sentenza, l-appellant ihoss illi l-Pulizija marret oltre minn hekk, ghaliex kienet proprju hija stess li pprezentat is-survey report, fejn b'kull rispett l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ppermettiet tali espressjoni t'opinjoni, meta kull ma suppost sar f'dak ir-rapport kien kostattazzjoni ta' fatt u xejn aktar.

Illi fi kwalunkwe kaz, il-prosekuzzjoni kellha tipprova l-htija tal-appellant, u jidher li jezistu dubji mill-aktar ragonevoli anke dwar dan l-aspett relattiv ghall-hsarat li sehhew. Ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha l-obbligu li tillibera lill-appellant mill-ewwel akkuza.

Illi in oltre, l-appellant ihossu aggravat ghar-rigward ta' sejbien ta' htija mit-tieni akkuza, fejn l-appellant gie akkuzat li ghamel hsara fuq ghamara, kompjuter u oggetti ohra li jinsabu fl-istess residenza. Din l-akkuza fl-ebda hin ma giet ippruvata. Tant kemm hu hekk illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha hija stess ttenni li "*l-Pulizija li accedew fuq il-post indikaw li l-hsara kienet tikkonsisti fil-hgieg miksur u li ma kienx hemm hsara fuq gewwa".*
Dan essenzjalment ifisser li hsarat gewwa ma kienx hemm u li l-appellant instab hati fir-rigward tat-tieni akkuza abbazi tar-rapport li ddelineja hsarat de minimis. Tali rapport ma kellux jigi accettat da parti tal-Qorti tal-Magistrati ghar-ragunijiet hawn fuq premessi aktar u aktar ghall-fatt li (a tempo vergine) l-Ufficjal tal-Pulizija li marru immedjatament fuq il-post accertaw li ma kien hemm ebda hsarat fuq gewwa fil-proprjeta` tal-parte civile.

Illi l-appellant ihossu aggravat ghar-rigward tas-sejbien ta' htija mit-tielet akkuza ma ngabet ebda prova li l-appellant kiser il-paci u l-ordni pubblika. Tant li meta l-Pulizija waslet fuq il-post sabet lill-appellant mistohbi wara l-vettura tieghu u ma kien hemm ebda element li seta` jissostanzja li kien hemm il-ksur ta' paci u ordni pubbliku. Kull allegazzjoni rigward it-tiri tan-nar giet kompletament skartata mill-ewwel mill-ufficjali tal-Pulizija li nvestigaw il-kaz. B'din l-allegazzjoni ta' sparar ta' tiri, bhal ukoll il-valuri eccessivi ta' danni gew maghmula mill-parte civile unikament biex jonfhu l-allegat incident li sehh bl-element ta' provokazzjoni min-naha taghhom kif giet konstat mill-Onorabbli Qorti. Ghalhekk l-appellant kellu jigi lliberat minn tali htija u konsegwentement, kellu jinheles mill-ordni li jhallas taht obbligazzjoni personali penali ta' tmien mitt Ewro (€800) fi zmien tnax (12) il-xahar mid-data tas-sentenza milli jimmolesta jew jivvessa lill-konjugi Jan u vincenza Deschrijoer.

Illi minghajr pregudizzju, l-appellant jissottometti li l-piena li nghatat fil-konfront tieghu hija wahda eccessiva u ma tirriflettix ir-realta` tal-fatti. F'dan ir-rispett issir referenza ghal dak mistqarr mill-Prim'Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ghar-rigward ta' dak li ghandu jwassal gudikant ghal gudizzju tieghu dwar il-piena fejn inghad illi :
*Il-buonsens, pero` jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien, il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, l-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, l-kooperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista` terga` tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra.*

Illi bir-rispett kollu, l-appellant umilment jissottometti li dawn il-kriterji fuq imsemmija ma jidhrux li b'xi mod ittiehdu in konsiderazzjoni u lanqas ma nghataw il-piz li kienu jisthoqqilhom fil-konfront tal-appellant da parti tal-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk ma nstabx il-bilanc ekwu necessarju sabiex issir gustizzja ghal dak li sehh. Kif jistqarr ukoll l-istess prosekutur fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu l-appellant ikkollabora, tant li wera koperazzjoni shiha mal-Pulizija fejn huwa baqa` fuq il-post u ma ppruvax jghawweg il-fatti, anzi ghen u kkollabora mal-Pulizija. L-appellant kien lest li jhallas ghall-hsarat, diment li kienu ragonevoli. Kif diga` nghad il-parti civile ffabbrikat stimi li kienu mill-aktar irragonevoli, liema stimi baqghu sempliciment hekk stimi u xejn aktar, u allura ma tistax tigi kkunsidrata bhala prova ai termini tal-ligi. L-appellanti qatt ma seta` jaccetta jhallas dawn l-ammonti ezagerati ghaliex il-parti civili kienet qed jipprovaw japprofitta ruhha sabiex tehles mill-obbligazzjonijiet li huma kellhom lejn l-istess appellant. Ghalkemm il-Qorti hadet diversi konsiderazzjonijiet, dawn ma gewx riflessi fil-piena li effettivament inghatat, bir-rizultat li l-esponent inghata piena aktar harxa minn dik li kien jisthoqqlu. L-istess Qorti tal-Magistrati tenniet illi, « ikkunsidrat ukoll ir-retroxena kollu tal-kaz fejn l-imputat kien qed ihoss li l-parti civili li kellhom ihallsuh ta' xi xogholijiet li kien ghamlilhom kienu qed jghadduh biz-zmien u filwaqt li jidhrilha li huwa ma kienx gustifikat li jagixxi bil-vjolenza kif fil-fatt ghamel jidhrilha wkoll li kien hemm certu element ta' provokazzjoni nvoluta u ghalhekk mhux ser tigi peina karcerarja effettiva.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fil-15 ta' April, 2009 ghall-habta tat-8:00 ta' filghaxija l-appellant mar fejn ir-residenza tal-parti civili, l-konjugi Vincenza u Jean Leon Deschrijver, fit-Triq Hal Tartani, Had Dingli. Irrizulta illi l-appellant kien ghamel xi xoghol tal-gebel ghal Jean Leon Rahal il-Gdid u ma kienx hallsu u ghalhekk wara hafna giri u telefonati li ma kienux qed jigu risposti, l-appellant mar wara l-bieb tal-konjugi Deschrijver u hemm hekk beda jhabbat fuq il-bieb, jaghmel hafna storbju u anki kisser zewg hgigiet ta' tieqa

u beda jaghti bis-sieq fuq il-bieb ta' barra u allegatament spara xi tiri ta' arma tan-nar. Jinghad mill-bidu nett pero' illi din l-ahhar allegazzjoni ma rrizultatx u din il-Qorti mhijiex sejra taghmel aktar referenza ghaliha.

Meta l-pulizija marru fuq il-post ftit tal-hin wara li rcivew ir-rapport ta' l-incident filwaqt illi ma sabu l-ebda indikazzjoni illi giet uzata xi arma tan-nar, setghu jinnutaw illi kien hemm hsara fil-hgieg, pero' ma rriskontraw l-ebda hsara ohra gewwa l-fond. Il-parti civili pprezentaw survey report u rcevuti, izda l-ewwel Qorti deherilha illi ma kelliex taccetta dawn l-ircevuti kollha peress li kienet sodisfatta illi fil-fatt il-parti civili kienu esegreaw fit-talbiet taghhom, pero setghet tikkonstata li gew ikkagunati hsarat mill-appellant fil-propjeta tal-konjugi Deschrijver li jeccedu €116 pero' ma setghetx tistabbilixxi li dawn id-danni kienu fl-ammonti indikati mill-parti civili. L-ewwel Qorti ikkunsidrat ukoll ir-retroxena kollu tal-kaz fejn l-appellant kien qed ihoss illi l-parti civili li kellhom ihallsuh ta xi xogholijiet li kien ghamlilhom kienu qed jghadduh biz-zmien u fil-waqt illi derilha illi ma kienx gustifikat illi jagixxi bil-vjolenza kif fil-fatt ghamel, accettat illi kien hemm element ta' provokazzjoni involuta u ghalhekk iddecidiet li ma timponix piena kalcerarja effettiva.

L-Avukat Generali rrimarka fuq dan il-kumment dwar il-provokazzjoni. Il-Qorti pero' tifhem illi l-ewwel Qorti wzat din il-kelma fis-sens popolari u mhux fis-sens legali peress illi l-provokazzjoni bhala difiza legali ma toperax f'dawn ic-cirkostanzi li sab ruhu l-appellant u din il-Qorti tista' tirrikonoxxi illi l-appellant kien irrabjat u offiz ghal mod kif imxew mieghu l-parti civili. Din il-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzjoni illi fuq l-iskorta ta' dawk il-provi l-ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------